Għalhekk nifirħu llum b'tislima xierqa
Lil min raħalna rabat ma' ġrajjietu
U għalenija toħroġ l-għajta mbierka,
Kburin għamiltna Andrija.

# Kwadru ta' Sant'Andrija fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu tal-Balluta

**Mario Fenech**

Il-knisja parrokkjali tal-Madonna tal-Karmnu tal-Balluta li hemm illum ġiet mibnija minflok oħra iżgħar li kien hemm qabel.

Din il-knisja għalkemm kienet waħda żgħira kellha diversi altari bi kwadri fuqhom. Fost dawn kien ukoll l-altar iddedikat lil Sant'Andrija.

Dan l-altar kien twaqqaf minħabba l-fatt li fil-bajja tal-Balluta u fl-inħawi tal-madwar kien hemm numru ta' sajjieda li xtaqu li jkollhom altar iddedikat lill-qaddis protettur tagħhom.

Għal daqstant meta tlesta l-altar ġie mqiegħed il-kwadru ta' Sant'Andrija fuqu.

Il-kwadru huwa xogħol tal-Artist Giuseppe Calleja li kien twieled fil-Belt Valletta nhar it-12 ta' Diċembru tas-sena 1828 u tħarreġ fl-arti għand l-artist Giuseppe Hyzler. Kien jgħallem l-arti fil-Kulleġġ ta' San Alwiġi filwaqt li kien jagħmel ukoll diversi xogħlijiet għall-knejjes. Fost dawn ix-xogħlijiet wieħed isemmi l-kwadru titulari tal-Knisja Parrokkjali ta' Marija Annunzjata ta' Ħal Balzan, il-kwadru ta' San Pietru u San Pawl fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija f'Ħ'Attard u l-kwadru tal-Madonna taċ-Ċintura fil-Knisja tas-S.S.M.U. Salvatur ta' Ħal Lija.

Il-kwadru ta' Sant'Andrija għall-knisja tal-Balluta pinġieh fis-sena 1880. Ma' dan ix-xogħol pinġa wkoll il-kwadri ta' San Ġużepp, il-Madonna bil-Bambin, id-Duluri u l-Beatu Ġużeppi Labre.

F'dan il-kwadru ta' Sant'Andrija l-artist ma tantx ħareġ bi ħsibijiet ġodda. Il-figura tal-qaddis hija waħda tradizzjonali bilwieqfa qiegħed iżomm is-Salib tal-Martirju tiegħu filwaqt li qiegħed iħares 'il fuq lejn is-sema. Ix-xenarju li hemm fil-kumplament tat-tila huma familjari u jfakkruna fi kwadri oħrajn li għandna fil-knejjes tagħna.

Il-ħut li jidhru fl-art fuq in-naħa tal-lemin tat-tila narawhom ukoll fil-kwadru ta' Sant'Andrija li hemm fil-knisja parrokkjali l-qadima tal-Madonna ta' Loreto f'Għansielem Għawdex li kien tpinġa mill-artist Giuseppi Calì.

Meta ġiet imniżżla l-knisja l-qadima biex tagħmel il-wisa' għall-knisja l-ġdida, il-kwadru ta' Sant'Andrija flimkien ma' dak ta' San Ġużepp ġew irrestawrati u mqiegħda f'wieħed mill-kuriduri tal-kunvent tal-Patrijiet Karmelitani li jmexxu din il-knisja.



*Pittura li kienet fuq altar fil-knisja l-qadima tal-Balluta, preżentament, dan il-kwadru qiegħed f'wieħed mill-kurituri tal-Kunvent tal-Patrijiet Karmelitani li jmexxu l-knisja l-ġdida.*